



Kunsill Ewropew

Brussell, 18 ta' Marzu 2016
(OR. en)

EUCO 12/1/16
REV 1

CO EUR 3
CONCL 2

NOTA TA' TRASMISSJONI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Laqgħa tal-Kunsill Ewropew (17 u 18 ta' Marzu 2016) – Konklużjonijiet

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż il-konklużjonijiet adottati mill-Kunsill Ewropew fil-laqgħa msemmija hawn fuq.

I. MIGRAZZJONI

1. Il-Kunsill Ewropew jikkonferma l-istrategġija komprensiva tiegħu biex tiġi indirizzata l-kriżi tal-migrazzjoni. Għadd ta' elementi mir-rispons komuni Ewropew tagħna l-lum huma stabbiliti u qed irendu r-risultati. Il-ħidma dwar elementi oħra qed titmexxa 'l quddiem b'mod diliġenti, sabiex ikunu jistgħu jiġu implimentati malajr kemm jista' jkun. Ser tibqa' tingħata prijorità lill-kisba mill-ġdid tal-kontroll tal-fruntieri esterni tagħna.
2. Wara d-deċiżjonijiet tal-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern tas-7 ta' Marzu, u fil-kuntest tal-Pjan ta' Azzjoni Konġunt mat-Turkija u l-espansjoni tiegħu, il-Kunsill Ewropew jappella għal:
 - aktar ħidma rigward il-hotspots; sar ħafna progress biex il-hotspots kollha jsiru kompletament operattivi u jiżdiedu l-kapaċitajiet tal-akkoljenza; dan l-isforz għandu jittkompla, bl-assistenza sħiħa tal-UE, inkluż appoġġ għall-istrutturi tal-asil fil-Greċja;
 - l-użu tal-mezzi kollha biex tiġi appoġġata l-kapaċità tal-Greċja għar-ritorn ta' migranti irregolari lejn it-Turkija fil-kuntest tal-Protokoll Grieg-Tork dwar ir-riammissjoni u l-ftehim ta' riammissjoni bejn l-UE u t-Turkija mill-1 ta' Ġunju 2016. L-Istati Membri jiddikjaraw ir-rieda tagħhom li jipprovdu l-mezzi meħtieġa lill-Greċja fi żmien qasir, li jinkludu gwardji tal-fruntieri, esperti dwar l-asil u interpreti. Il-Kunsill Ewropew jitlob lill-Kummissjoni biex tikkoordina l-appoġġ meħtieġ kollu lill-Greċja, għall-implimentazzjoni sħiħa tad-dikjarazzjoni UE-Turkija, u għall-iżvilupp ta' pjan operattiv. Il-Kummissjoni ser tikkoordina u torganizza flimkien mal-Istati Membri u l-aġenziji l-istrutturi ta' appoġġ meħtieġa biex dan jiġi implimentat b'mod effettiv. Il-Kummissjoni ser tirrapporta regolarment lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tiegħu;

- l-għoti ta' appoġġ ta' emerġenza biex il-Greċja tkun tista' tiffaċċja s-sitwazzjoni umanitarja. L-adozzjoni rapida tar-Regolament dwar l-appoġġ ta' emerġenza huwa pass importanti f'dak ir-rigward. L-abbozz ta' baġit emendatorju ppreżentat mill-Kummissjoni għandu jiġi adottat mingħajr dewmien. L-Istati Membri mistiedna jagħtu kontribuzzjonijiet addizzjonali u immedjati fil-qafas tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili kif ukoll jipprovdu assistenza umanitarja bilaterali;
 - rilokazzjoni aċċelerata mill-Greċja, li tinkludi t-tweqqif tal-kontrolli tas-sigurtà meħtieġa; billi l-għadd ta' applikazzjonijiet issa huwa ikbar mill-għadd ta' offerti, kif jidher fir-rapport tal-Kummissjoni tas-16 ta' Marzu, l-Istati Membri għandhom joffru malajr aktar postijiet, f'konformità mal-impenji eżistenti.
3. Il-Kunsill Ewropew jieħu nota tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Il-passi operattivi li jmiss fil-kooperazzjoni bejn l-UE u t-Turkija fil-qasam tal-migrazzjoni", b'mod partikolari dwar kif applikazzjoni għall-asil minn migrant li jaqsam mit-Turkija lejn il-Greċja tista' tiġi ddikjarata inammissibbli, abbażi tal-kunċett ta' "l-ewwel pajjiż ta' asil" jew "il-pajjiż terz sikur", f'konformità mad-dritt Ewropew u dak internazzjonali.
 4. Il-Kunsill Ewropew itenni li d-Dikjarazzjoni UE-Turkija ma tistabilixxi l-ebda impenn ġdid għall-Istati Membri fir-rigward tar-rilokazzjoni u r-risistemazzjoni.
 5. L-UE ttenni li tistenna li t-Turkija tirrispetta l-oġġla standards fir-rigward tad-demokrazija, l-istat tad-dritt, ir-rispett tal-libertajiet fundamentali, inkluża l-libertà ta' espressjoni.
 6. Il-Kunsill Ewropew jirriafferma l-appoġġ tiegħu lill-Ġordan u l-Libanu. Huwa jappella għall-iżborż rapidu tal-impenji u l-finalizzazzjoni ta' Patti tal-UE sabiex jissaħħaħ l-appoġġ għar-refuġjati u l-komunitajiet ospitanti fiż-żewġ pajjiżi.
 7. Il-Kunsill Ewropew jappella għat-tisħiħ tal-kooperazzjoni mal-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent fl-indirizzar tal-kriżi tal-migrazzjoni u l-kontribut għall-oġġettivi tal-Kunsill Ewropew.

8. B'segwitu għall-konklużjonijiet tiegħu ta' Frar 2016, il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Bank Ewropew tal-Investment biex jippreżenta fil-laqgħa tiegħu ta' Ġunju inizjattiva speċifika bl-għan li jiġi mmobilizzat b'mod rapidu finanzjament addizzjonali b'appoġġ għat-tkabbir sostenibbli, l-infrastruttura vitali u l-koeżjoni soċjali fil-pajjiżi tal-viċinat tan-Nofsinhar u l-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent.
9. Il-Kunsill Ewropew huwa vigilantu ferm fir-rigward tal-possibbiltà ta' rotot ġodda għal migranti irregolari u jappella biex tittieħed kull miżura li tista' tinħtieġ f'dak ir-rigward. F'dan il-kuntest, il-ġlieda kontra l-faċilitaturi ta' dħul klandestin kullimkien u bil-mezzi kollha xierqa tibqa' essenzjali. L-UE tinsab lesta li tappoġġa lill-Gvern b'Kunsens Nazzjonali, bħala l-uniku gvern leġittimu tal-Libja, inkluż, fuq it-talba tiegħu, biex terġa' tinkiseb l-istabbiltà, jiġi miġġieled it-terroriżmu u tiġi ġestita l-migrazzjoni fil-Mediterran ċentrali.
10. Il-Kunsill Ewropew jirriafferma l-konklużjonijiet preċedenti tiegħu dwar l-elementi varji tal-istrateġija komprensiva u jinsab sodisfatt bil-progress fil-proposta għal Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta, li għandha tiġi adottata mill-aktar fis possibbli. Ser titkompla wkoll il-ħidma fuq l-arkitettura futura tal-politika tal-migrazzjoni tal-UE, inkluż ir-Regolament ta' Dublin.

II. IMPJIEGI, TKABBIR U KOMPETITTIVITÀ

11. Sabiex id-diskussjonijiet tal-Kunsill jiġu orjentati fuq is-Semestru Ewropew 2016, il-Kunsill Ewropew approva l-oqsma ta' prijetà tal-politika tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir: spinta għida lill-investment, it-tiftix ta' riformi strutturali biex nimmodernizzaw l-ekonomiji tagħna, u t-tweqqi ta' politiki fiskali responsabbli. L-Istati Membri ser jirriflettu dawn il-prijoritajiet fil-Programmi Nazzjonali ta' Riforma u fil-Programmi ta' Stabbiltà u Konverġenza li jmiss tagħhom. Dawn il-politiki ser jikkontribwixxu biex l-irkupru attwali jitqiegħed fuq bażi aktar sostenibbli u biex jitrawmu t-tkabbir u l-impjiegi. Il-Kunsill Ewropew jinnota l-konsultazzjoni tal-Kummissjoni dwar kwistjonijiet soċjali u jenfasizza l-importanza tal-funzjonament tajjeb tas-swieq tax-xogħol u tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali.

12. Fil-laqgħa tiegħu ta' Ġunju, il-Kunsill Ewropew ser jiddiskuti l-progress li nkiseb fil-ħidma lejn l-ikkompletar tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja. Ser jadotta wkoll aġenda għall-implimentazzjoni tal-aspetti kollha tas-Suq Uniku, inkluż it-tweġġ tal-istrateġiji tal-Kummissjoni dwar is-Suq Uniku, is-Suq Uniku Diġitali u l-Unjoni tas-Swieq Kapitali, bil-ħsieb li jiġi sfruttat b'mod sħiħ il-potenzjal mhux użat tiegħu ta' tkabbir u produttività.
13. Fid-dawl tas-sitwazzjoni diffiċli tas-settur tal-azzar Ewropew, f'kuntest ta' eċċess ta' kapaċità fil-livell dinji, il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kunsill biex jeżamina malajr il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni bil-għan li tittieħed azzjoni b'saħħitha b'rispons għal din l-isfida.
14. Il-Kunsill Ewropew jinnota s-sitwazzjoni tal-bdiewa, b'mod partikolari fis-settur tal-prodotti tal-ħalib u dak tal-majjali, li huma affettwati serjament mill-waqgħa fil-prezzijiet. Jistieden lill-Kummissjoni biex taġixxi malajr b'reazzjoni għall-eżitu tal-laqgħa tal-Kunsill (Agrikoltura) tal-14 ta' Marzu. Ser isegwi mill-qrib l-evoluzzjoni ta' dan is-settur ta' tant importanza għall-Ewropa.
15. Il-Kunsill Ewropew jinnota li l-Kummissjoni beħsiebha tippubblika dalwaqt komunikazzjoni dwar pjan ta' azzjoni dwar il-VAT. Huwa jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tinkludi proposti għal aktar flessibbiltà għall-Istati Membri fir-rigward ta' rati mnaqqsa tal-VAT, li jipprovdu l-possibbiltà lill-Istati Membri sabiex japplikaw rata zero ta' VAT għall-prodotti sanitarji.

III. KLIMA U ENERĠIJA

16. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-preżentazzjoni mill-Kummissjoni tal-pakkett tas-sigurtà tal-enerġija kif ukoll il-Komunikazzjoni "Wara Pariġi". Huwa jħeġġeġ lil-leġislaturi jkomplu bil-ħidma fuq il-proposti sabiex tissaħħaħ is-sigurtà tal-enerġija tal-UE bħala kwistjoni ta' prijorità abbażi tal-konklużjonijiet preċedenti tiegħu u l-istrateġiji rilevanti approvati mill-Kunsill Ewropew. Ifakkar ukoll fl-importanza ta' suq tal-enerġija li jiffunzjona b'mod sħiħ u li jkun interkonness. Abbażi tal-Komunikazzjoni dwar il-Klima, huwa jissottolinja l-impenn tal-UE li tnaqqas l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra lokalment u li żżid is-sehem tal-enerġiji rinnovabbli u ttejjeb l-effiċjenza enerġetika kif maqbul mill-Kunsill Ewropew f'Ottubru 2014. L-adattament tal-leġislazzjoni sabiex jiġi implimentat dan il-qafas għadu prijorità. Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kummissjoni biex tippreżenta malajr il-proposti rilevanti pendenti kollha għal dan l-għan sabiex il-proċess legiſlattiv jibda malajr. Il-Kunsill Ewropew jistenna b'interess l-iffirmar tal-Ftehim ta' Pariġi fi New York fit-22 ta' April u jissottolinja l-ħtieġa li l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha jkunu jistgħu jirratifikaw il-Ftehim ta' Pariġi kemm jista' jkun malajr u fil-ħin sabiex ikunu Parti għalih sa mid-dħul fis-seħħ tiegħu.
-